SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru. 24/K8/16**

Data tal-laqgħa 17 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrativ tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin Sultana - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b' Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Is-Sur Clayton Tanti Gregoracy bagħat email (Inc. 7316/16) sabiex jiġi skużat għal din il-laqgħa.

**Assenti: (0)**

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

24.1.01 Is-Sur Clayton Tanti Gregoracy bagħat email (Inc. 7316/16) sabiex jiġi skużat għal din il-laqgħa.

24.1.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 22/K8/16 u Minuti 23/K8/16 għall-approvazzjoni.

24.2.02 Saret korrezzjoni tal-Minuti 22/K8/16 mill-Kunsillier Martin John Sultana. Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab ukoll li mal-Minuti 23/K8/16 jiġu annessi d-dettalji tad-diskors tiegħu. Il-Kunsill qabel fuq dawn il-korrezzjonijiet.

24.2.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona l-approvazzjoni tagħhom bl-emenda ta' Minuti 23/K8/16.

24.2.04 Il-Viċi Sindku Albert Buttigieg ssekondah bl-emenda ta' Minuti 23/K8/16.

24.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

24.2.07 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward jekk kienx hemm *update* fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani huwa ġie nfurmat mill-Kunsillier Martin John Sultana li diġa ngħatat d-data tal-laqgħa mal-Onor. Deborah Schembri li hija fl-24 ta' Novembru 2016.

24.2.08 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward ic-CCTV cameras tal-bring in sites tal-lokalita'. Din ser titella fuq *facebook* ukoll sabiex ir-residenti jiġu nfurmati li dawn bdew jiffunzjunaw.

24.2.09 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward it-Tipico, huwa ġie nfurmat li l-*coffee morning* ser isir fit-2 ta' Dicembru 2016.

24.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward il-wied, huwa ġie nfurmat li nġabet kwotazzjoni u din ser titħallas mill-*Malta Tourism Authority.*

24.2.11 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward ir-rotta 110, huwa ġie nfurmat li s-Sur Lino Spiteri ġie nfurmat bir-risposta li l-Kunsill irċieva.

24.2.12 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward il-*Cleansing Service Directorate* jekk humiex qed jiġbru minn Paceville matul il-ġimgħa. Huwa ġie nfurmat li dan il-ġbir min-naħa tal-*Cleansing Service Directorate* qed isir biss fil-*weekends.*

24.2.13 Il-Kunsillier Edgar Montanaro qajjem il-punt fir-rigward il-bicycle stands li qed isiru, huwa gie nfurmat li l-Kunsill ta biss in-*no objection.*

24.2.14 Iċ-Ċermen is-Sur Guido Dalli qajjem il-punt fir-rigward St. Patrick's Day u nforma lill-Kunsill li s'issa l-applikant għadu ma avviċinaniex.

**24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li rċieva email mingħand is-Sur Paul Fenech Kunsillier tas-Swieqi li huwa jaf lil xi persuni li jdoqqu u nforma lill-Kunsill li dawn ser ikunu qed jieħu sehem fil-Knisja ta' Lapsi. Saret laqgħa bejn is-Sur Paul Fenech u l-Kapillan Fr. Claude Portelli fejn ġiet diskussa din il-materja. Il-Kunsill qabel li jħallas għar-riċeviment żgħir li ser isir wara l-attivita'.

24.3.02 *Christmas Dinner* – il-Kunsill irċieva diversi kwotazzjonijiet fir-rigward l-ikla tal-Milied, l-offerta l-aktar vantaġġjuża hija tal-Lulu Restaurant. Din ser l-ikla ser issir nhar il-Hamis 5 ta' Jannar 2017 fit-8.00p.m.

24.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li rċieva diversi telefonati mir-residenti li jipparkjaw ġewwa Portomaso, fejn ġie nfurmat li t-tariffa tal-car park min-naħa ta' Portomaso għoliet. Ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lill-Portomaso s-Sur Ray Fenech sabiex din it-tariffa terġa tiġi kif kienet originarjament għar-residenti skond kif kien hemm ftehim fl-antik.

24.3.04 Saret riferenza għal-kwotazzjoni li l-Kunsill ircieva fir-rigward *zebra crossing signs*. Iċ-Ċermen ser jikkuntatja lill-persuna li bagħtitilna l-kwotazzjoni sabiex issir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

24.3.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul wasal fil-5.05p.m.

24.3.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li tintbagħat ittra lill-Faces sabiex isir *bus shelter* fi Triq Ta' Ġiorni ħdejn il-Merħba Pharmacy.

24.3.07 Ġie deċiż li għandha ssir laqgha mal-Kuntrattur tar-*Road Markings & Signs* minħabba li hemm ħafna *pending purchase request sheets* li għadhom ma sarux u ilhom diversi xhur pendenti.

24.3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill irċieva ċekk mingħand il-GreenMt ta' €1,000 mill-ammont pendenti li għandu mal-Kunsill.

**24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

24.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward ir-*roundabout* li kellha ssir ħdejn il-kulleġġ tal-Libjani, huwa ġie nfurmat li ser issir laqgħa mal-Kuntrattur tas-Signs & Road Markings sabiex jiġu diskussi diversi *issues* li għadhom pendenti.

24.4.02 Il-Viċi Sindku Dott Albert Buttigieg qajjem il-punt fir-rigward il-bankini ta' Triq Birkirkara minħabba li dawn qegħdin fi stat ħażin. Għaldaqstant għandha tinġabar stima mill-Perit tal-Kunsill ta' kemm jiġu l-bankini taż-żewġ naħat ta' Triq Birkirkara sabiex tkun tista' tidħol fil-budget tas-sena d-dieħla.

24.4.03 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-għada tal-Milied 26 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill ma jiftaħx.

24.4.05 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li rċieva talba mingħand kumpanija taż-żfin sabiex torganizza kompetizzjoni ta' żfin ġewwa Spinola Gardens. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment l l-post jinżamm nadif.

**24.5 Korrispondenza**

**Rif Nru. 6516**

24.5.01 Saret riferenza għall-proposta ta' bdil ta' ismijiet ta' żewġ toroq mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Pjazza tal-Balluta tiġi msemmija għal Pjazza Ċensu Tabone filwaqt li mill-Baracuda sas-City of London tiġi msemmija Triq il-Bajja tal-Balluta. Din għandha tintbagħat lill-i*Street Naming Committe.*

**Rif Nru. 6871**

24.5.02 Saret riferenza għal-talba għal permess ta' *kiosk* fil-Pjazza tal-Balluta mingħand Supreme Travel Ltd. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx mat-talba tagħhom.

**Rif Nru. 7066**

24.5.03 Saret riferenza għall-email mingħand Blues Limited dwar installazjoni ta' arloġġi diġitali f'diversi postijiet f'San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja u tintbagħat kopja lill-Kunsilliera ta' meta ser issir il-laqgħa.

**Rif Nru. 7103 & 7104**

24.5.04 Saret riferenza għat-talbiet mingħand l-impjegati Elizabeth Borg u Cher Carmen Fenech sabiex il-leave tas-sena 2016 jiġi trasferit għas-sena 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**Rif Nru. 7182**

24.5.05 Saret riferenza għall-email mingħand Spinola Band Club dwar l-armar fi żmien il-Milied. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel li jħallas għal Triq Ross u nitolbu lill-Għaqda ta' Spinola sabiex jagħmlu t-toqob għall-arbli min-naħa tagħhom.

**Rif Nru. 7202**

24.5.06 Saret riferenza għat-talba għal *Reduced Hours* mingħand l-iskrivana Bentley Muscat Curmi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**Rif Nru. 7291**

24.5.07 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Planning Authority* dwar permess ta' estensjoni tal-bankina quddiem Johnny's Kitchen fi Triq Ross. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat oġġezzjoni lill-*Planning Authority* u jiġi spjegat għaliex qed issir din l-oġġezzjoni minħabba li hija żona residenzjali kif ukoll it-triq hija dejqa.

**Rif Nru. P435**

24.5.08 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Philip Attard għal *stand* tal-ikel fi Triq Dragonara bejn il-31 ta' Diċembru 2016 u l-1

ta’ Jannar 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir l-*istand* dment li l-post jinżamm nadif.

**24.6 Talba għall-devoluzzjoni ta’ Palazzo Spinola**

24.6.01 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Dr. Owen Bonnici, lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva Deborah Schembri, lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Dr.Stefan Bountempo lill-Onor. David Agius u lid-deputati tad-distrett sabiex nitolbu lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet biex issir devoluzzjoni ta’ Palazzo Spinola ill-Kunsill.

**24.7 Proġett tat-Taraġ Scicluna.**

24.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-pjanta ġdida tat-taraġ Scicluna. Ġie deċiż li l-Viċi Sindku ser ikellem lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Diżabilita’ sabiex ineħħu l-obbligu li nkunu konformi mal-leġislazzjoni tal-persuni b’diżabilita’ fl-istadju tal-applikazzjoni.

**24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

24.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi ‘A’)

24.8.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

24.8.03 Il-Vici Sindku Albert Buttigieg ssekondah.

24.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

Il-Kunsill gie pprezentat bil-financial reports sat-30 ta’ Settembru 2016 u l-*financial statements* mill- 1 ta’Jannar 2015 sat-30 ta’ Ġunju 2015. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament.

**24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ *Purchase Request Sheets***

24.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4078 sa 4081. (Ara appendiċi ‘B’).

24.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets minn Nru. 4078 sa 4081.

**24.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 02 ta' Jannar 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 02 ta' Jannar 2017